# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022

**Rikors Numru : 471/2021JPG**

**Kawza Numru : 10**

**MB**

**U**

**GB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' MB u GB, datat 8 t'Ottubru 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettew hekk:

1. *Illi r-rikorrenti kienu zzewgu fit-18 ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) skond certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat Dok A) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li ghadhom minorenni;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Angele Rapa (anness u mmarkat Dok B) u m'hemm ebda prospett regonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn kwazi tlett snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u kull parti ghandha rabtiet ohra;*

3. *Illi skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment minn ghand xulxin u m'hemmx arretrati ta' manteniment fir-rigward tal-manteniment illi ghandu jithallas ghall-minuri mill-missier;*

4. *Ir-rikorrenti tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' G;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***Ghaldaqstant*** *l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

3. *Tawtorizza lir-rikorrenti MB tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe 'G';*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet (Fol 19) fejn iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi xi jressqu u ghalhekk stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MB** xehdet (vide fol 20) li l-kontendenti zzewwgu fit-18 t'April 2009 u minn dan iz-zwieg twieldu P u G li t-tnejn ghadhom minorreni. Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Angele Rapa, rrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment minghand xulxin waqt li l-manteniment tat-tfal, kif ukoll spejjez taghhom, dejjem thallas. Ghalhekk ma hemm ebda pendenzi u ma hemm

ebda prospett ghal rikoncilazzjoni bejniethom tant li llum il-gurnata ghandhom hajja indipendenti minn xulxin. Tikkonferma wkoll li tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubita, u cioe' G.

**GB** xehed (vide fol 21) u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu***

***dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 t'April 2009, liema zwieg jgib c-certifikat numru 13/2009 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3); u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg subien li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-1 t'Ottubru 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Angele Rapa (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 13/2009 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil MB sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe 'G' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna spejjes divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**